# L-Użu tal-ICT u l-Kummerċ Elettroniku fl-Intrapriżi: 2024

NR 014/2025 Data tal-Ħruġ: 24 ta' Jannar 2025

*L-Istħarriġ dwar l-Użu tal-ICT u l-Kummerċ Elettroniku fl-Intrapriżi wera li 97.9 fil-mija tal-intrapriżi (li jħaddmu minn 10 ħaddiema 'l fuq) użaw l-internet matul l-2024.*



### L-użu tal-internet mill-intrapriżi

Matul l-2024, l-intrapriżi mistħarrġa fl-attivitajiet ekonomiċi u l-klassijiet tad-daqs kollha rreġistraw livell għoli ta' użu tal-internet (Tabella nru 1). B'kollox, 82,254 ħaddiem użaw l-internet f'xogħolhom matul is-sena (Tabella nru 2). Il-Kostruzzjoni, u l-Kummerċ bl-Ingrossa u bl-Imnut kienu l-attivitajiet ekonomiċi bl-anqas użu tal-internet fost l-intrapriżi kollha (Tabella nru 2).

## Ċart nru 1. Il-ħeffa massima tat-tniżżil tad-data skont il-kuntratti li l-intrapriżi jkollhom ma' min joffri s-servizz




### L-aċċess mill-bogħod għas-sistemi tal-intrapriżi u l-miżuri tas-sigurtà

Fl-2024, 91.2 fil-mija tal-intrapriżi taw aċċess mill-bogħod lill-ħaddiema tagħhom. Kważi dawn l-intrapriżi kollha taw aċċess mill-bogħod tas-sistemi tal-email tagħhom, filwaqt li disgħa minn kull għaxra taw aċċess lill-ħaddiema għal dokumenti (Tabella nru 3).

Iż-żieda f'daqqa fl-aċċess mill-bogħod ġab lill-intrapriżi aktar esposti għall-inċidenti relatati mas-sigurtà tal-ICT. Biex jilqgħu għal inċidenti bħal dawn, 93.9 fil-mija tal-intrapriżi daħħlu fis-seħħ xi għamla ta' miżuri tas-sigurtà tal-ICT fis-sistemi tagħhom. L-aktar miżuri tas-sigurtà komuni kienu l-awtentikazzjoni permezz ta' passwords b'saħħithom (90.5 fil-mija) flimkien mal-ħolqien ta' backups tad-data f'postijiet għalihom (83.8 fil-mija) (Tabella nru 4).

### Il-bejgħ bil-mezzi elettroniċi

Il-persentaġġ nazzjonali ta' intrapriżi li jbigħu permezz tal-kummerċ elettroniku kien kważi 11-il punt perċentwali ogħla mill-medja tal-UE-27.

## Ċart nru 2. Il-persentaġġ ta' intrapriżi li jagħmlu bejgħ bil-kummerċ elettroniku




Dwar dan, l-għadd ta' intrapriżi mdaħħlin fil-bejgħ bil-kummerċ elettroniku żdied b'2.1 punti perċentwali fuq l-2023 (Tabella nru 5). Fl-2024, il-fatturat sħiħ iġġenerat permezz tal-bejgħ bil-kummerċ elettroniku laħaq iż-€2.9 biljuni. Il-bejgħ bil-mod imsejjaħ EDI għabar 53.5 fil-mija tal-bejgħ bil-mezzi elettroniċi.

Is-sena li għaddiet, 78.3 fil-mija tal-fatturat kollu maħluq mill-bejgħ bil-kummerċ elettroniku sar mis-siti jew applikazzjonijiet tal-intrapriżi nfushom.

## Ċart nru 3. Il-fatturat miġjub mill-bejgħ bil-kummerċ elettroniku




Nota: It-total jista' ma jgħoddx eżatt minħabba l-arrotondament.

## Ċart nru 4. Il-fatturat miġjub bil-bejgħ mis-siti elettroniċi, bil-pjattaforma




### Indiċi tal-Intensità Diġitali

Madwar ħamsa minn kull 10 intrapriżi kellhom rata ta' intensità diġitali 'għolja' jew 'għolja ħafna'. Intrapriżi mdaħħlin fl-Attivitajiet tal-Proprjetà immobbli, l-attivitajiet professjonali, amministrattivi u servizzi oħra jew l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u l-ikel, it-Trasport u l-komunikazzjoni rrappurtaw l-ogħla Indiċi tal-Intensità Diġitali (Tabella nru 6).

L-implimentazzjoni tal-Istħarriġ dwar l-Użu tal-ICT u l-Kummerċ Elettroniku fl-Intrapriżi għall-2024 kienet parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea.